

Brussell, 5 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13537/21

AGRI 523
ENV 817
FORETS 68
PROCIV 134
JUR 616
DEVTEN 195
RELEX 933
UD 271
PROBA 47
FAO 39

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 - <i>Approvazzjoni</i>

1. Fis-16 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ħarġet il-Komunikazzjoni "*L-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030*", li kienet akkumpanjata minn "*Pjan direzzjonali tal-azzjoni tal-Kummissjoni biex timplimenta l-wegħda li sal-2030 fl-UE jitħawlu tliet biljun siġra addizzjonali*" u Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jippreżenta l-"*Bażi ta' Konsultazzjoni u Evidenza tal-Partijiet Interessati*" relatata mal-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (minn hawn 'il quddiem "*l-Istrateġija*").
2. Abbażi tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, il-Presidenza ħejjiet diversi verżjonijiet riveduti tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija, li ġew eżaminati u diskussi f'laqgħat informali tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija.

3. Sabiex jipprovi aktar gwida għall-ħidma dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija, fit-12 ta' Ottubru 2021 il-Kunsill Agrikoltura u Sajd kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi ta' dokument ta' informazzjoni mħejji mill-Presidenza (id-dokument 12122/21). Barra minn hekk, fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ambjent kellu skambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija. Il-messaġġi ewlenin tal-Ministri għall-Ambjent, flimkien mal-interventi tal-Ministri għall-Agrikoltura fil-laqgħa AGRIFISH imsemmija hawn fuq, servew bħala gwida għall-ħidma li għaddejja dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill.

4. Fil-5 ta' Novembru 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti solva l-kwistjoni pendenti. Id-delegazzjonijiet esprimew appoġġ wiesa' għat-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija. Il-Portugall, appoġġat minn Franza u Spanja, ippreżenta dikjarazzjoni fir-rigward tal-paragrafu 12 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-Lussemburgu ppreżenta wkoll dikjarazzjoni, fir-rigward tal-paragrafu 7. Il-Kummissjoni ppreżentat dikjarazzjoni fir-rigward tal-paragrafu 13.

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-anness għal din in-Nota fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Novembru 2021 (Agrikoltura u Sajd).

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar
l-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2020 dwar *Perspettivi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti u l-istrateġija tal-UE għall-foresti għal wara l-2020*¹, tal-15 ta' April 2019 *dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku għdid għall-foresti*², tas-16 ta' Diċembru 2019 *dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja*³, tal-10 ta' Ġunju 2021 *dwar l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima*⁴, tas-17 ta' Diċembru 2020 *dwar Kif l-Irkupru jsir Ċirkolari u Ekoloġiku*, tad-29 ta' Novembru 2019 *dwar l-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija tal-UE aġġornata*⁵ u tat-23 ta' Ottubru 2020 *dwar l-Istrateġija għall-Biodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti*⁶.
2. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni tal-proċess ministerjali FOREST EUROPE fl-iżvilupp ta' djalogu, prinċipji, kriterji, indikaturi u definizzjonijiet relatati mar-rwol multifunzjonali tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom, u FILWAQT LI JFAKKAR fir-Risoluzzjonijiet u d-Dikjarazzjonijiet ta' FOREST EUROPE, iffirmati mill-Istati Membri kollha tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-viżjoni kondiviża għall-foresti Ewropej 2030 stabbilita fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Bratislava "Il-Futur li Rridu: Il-Foresti li Neħtieġu"⁷

¹ Dok. 12695/1/20 REV 1

² Dok. 8609/19

³ Dok. 15151/19

⁴ Dok. 9694/21

⁵ Dok. 14594/19

⁶ Dok. 12210/20

⁷ It-Tmien Konferenza Ministerjali FOREST EUROPE, 14-15 ta' April 2021

3. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-Istati Membri, skont il-politiki forestali rispettivi tagħhom, żviluppaw u implimentaw strateġiji nazzjonali, programmi, għodod fir-rigward tal-foresti, u strumenti oħra relatati mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.
4. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-Ġestjoni sostenibbli tal-foresti (SFM), kif definita mill-FOREST EUROPE skont il-Prinċipji tal-Foresti⁸, hija kunċett dinamiku u li qed jevolvi, li jipprovdi qafas għall-ibbilanċjar tal-forniment u t-titjib tas-servizzi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tal-foresti u/jew tal-ekosistemi tal-foresti bil-għan li jingħata kontribut għat-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli u b'hekk jiġu promossi d-diversi funzjonijiet tal-foresti.
5. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-SFM bħala soluzzjoni bbażata fuq in-natura li tipprovdi diversi għanijiet għaż-żamma u t-tisħiħ xieraq tar-riżorsi tal-foresti u l-kontribut tagħhom għaċ-ċiklu globali tal-karbonju, is-saħħa, il-vitalità u r-reżiljenza tal-ekosistemi tal-foresti, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, il-funzjonijiet protettivi tal-foresti – speċjalment fir-rigward tal-impatt tat-tibdil fil-klima – u l-funzjonijiet produttivi u soċjoekonomiċi oħra tal-foresti.

Approċċ olistiku u qafas għall-foresti

6. JILQA' l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 u l-ambizzjoni akbar tagħha għall-kontribut tal-foresti permezz tar-rwol multifunzjonali tagħhom għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-għanijiet u l-miri globali relatati mal-foresti, inkluż dawk tal-Aġenda 2030. JENFASIZZA l-fatt li l-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti jistgħu jaqdu rwol importanti fit-tranżizzjoni tal-UE lejn bijoekonomija ċirkolari sostenibbli, ekoloġika, newtrali għall-klima u kompetittiva.

8

https://web.archive.org/web/20170701164258/http://www.un.org/documents/ga/conf151/aco_nf15126-3annex3.htm

7. IFAKKAR li jenħtieġ qafas komprensiv għas-settur, b'kont meħud tat-tliet dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà b'mod bilanċjat u olistiku, JENFASIZZA l-ħtiegħa għal koerenza bejn il-politiki, l-għanijiet u l-istrumenti differenti tal-UE relatati mal-foresti li jaffettwaw direttament jew indirettament il-foresti u r-rabta mar-rwol tal-UE f'diversi proċessi internazzjonali. JENFASIZZA li l-Komunikazzjoni tkun teħtiegħ viżjoni b'bilanċjata dwar id-dimensjonijiet differenti tas-sostenibbiltà. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija, JENFASIZZA l-ħtiegħa li jissaħħu l-għanijiet soċjoekonomiċi u li jiġu definiti l-kunċetti u t-termini li għadhom kif ġew introdotti fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u li jiġu stabbiliti passi ċari għall-kooperazzjoni futura tal-Kummissjoni u l-Istati Membri.
8. JENFASIZZA r-rwol importanti tal-foresti fl-UE fil-għieda kontra t-telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta' miżuri msaħħa ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih. IFAKKAR fil-ħidma li għaddejja fir-rigward tad-definizzjoni, l-immappjar u l-monitoraġġ tal-foresti primarji u antiki li fadal fl-UE, bil-għan li tiġi żgurata l-konservazzjoni tagħhom. JIDDISPJACIHI li l-aspetti tad-deżertifikazzjoni u tal-funzjoni idroloġika tal-foresti ma ġewx żviluppati biżżejjed fl-Istrateġija.
9. JILQA' l-enfasi fuq il-promozzjoni ta' prodotti bbażati fuq l-injam manifatturati b'mod sostenibbli, speċjalment dawk b'ħajja twila, u fl-istess ħin IFAKKAR li l-produzzjoni u l-użu sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi ta' prodotti bbażati fuq il-foresti, inkluż dawk b'ħajja twila u b'ħajja qasira, jikkontribwixxu għall-għanijiet klimatiċi, għall-bijoeconomija ċirkolari, għal irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija li jkun sostenibbli u aktar ekoloġiku u għall-iżvilupp rurali. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-ħtiegħa li jiġu promossi aktar il-produzzjoni, il-konsum u l-investimenti sostenibbli u li jiġu promossi ktajjen tal-provvista qosra u lokali u politiki tal-akkwist orjentati lejn is-sostenibbiltà tul il-katina tal-valur kollha, speċjalment fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-ekonomija ċirkolari.

10. JILQA' r-rikonoxximent tal-foresti bħala fornituri ta' mod ta' għajxien u servizzi tal-ekosistema importanti. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar, f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, għanijiet soċjoekonomiċi konkreti fl-Istrateġija, bħala parti minn programm ta' ħidma komuni għall-implimentazzjoni. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tas-sidien tal-foresti u tal-maniġers tal-foresti fit-twettiq tal-oġġettivi tal-Istrateġija, inkluż fl-appoġġ tal-iżvilupp taż-żoni rurali biex tiġi indirizzata d-depopolazzjoni rurali u r-rivitalizzazzjoni.
11. JENFASIZZA l-ħtieġa li jsir użu mill-mekkaniżmi u l-inċentivi finanzjarji disponibbli, inkluż għal pagamenti għal servizzi tal-ekosistema tal-foresti. JISTIENEN lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tesplora għażliet għal soluzzjonijiet ġodda u innovattivi bbażati fuq is-suq, bħal pagamenti għal servizzi tal-ekosistema, għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għall-bijodiversità, inkluż dawk is-soluzzjonijiet bħall-forestrija qrib in-natura u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv għas-sidien u l-maniġers tal-foresti, kif ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi.
12. JISĦAQ li l-istess approċċ għal kulħadd għall-foresti fl-UE jaf ikun kontroproduttiv. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu rikonoxxuti, rispettati u miżmuma d-diversità u l-ispeċifitajiet tal-foresti u l-ekosistemi tal-foresti, tal-kopertura tal-foresti, il-ġestjoni u l-prattiki silvikulturali, is-sjieda, l-iżviluppi kulturali u storiċi fost l-Istati Membri u r-regġuni, inkluż żoni b'restrizzjonijiet naturali u r-Regġuni Ultraperiferiċi.
13. JENFASIZZA l-importanza tal-kompetenza tal-Istati Membri u f'dan ir-rigward ITENNI l-paragrafu 6g tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2020 dwar il-*Perspettivi għall-politiki tal-UE relatati mal-foresti u l-istrateġija tal-UE għall-foresti wara l-2020*⁹.

⁹ Dok. 12695/1/20 REV 1 – il-paragrafu 6(g).

14. JIDDISPJAĊIJI li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti ma ġietx żviluppata flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati u JESPRIMI r-rieda u d-disponibbiltà li jikkoopera mal-Kummissjoni u JIRRIKONOXXI li hemm interess komuni fil-ħidma flimkien fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 b'mod integrat. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u attivitajiet konġunti bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll sħab importanti oħrajn fir-reġjun pan-Ewropew fi kwistjonijiet relatati mal-politika dwar il-foresti.
15. JINNOTA l-inizjattiva għal proposta leġiżlattiva għal qafas ta' Osservazzjoni, Rappurtar u Ġbir tad-Data tal-Foresti, inkluż il-Pjanijiet Strateġiċi għall-Foresti tal-Istati Membri. Barra minn hekk, JITLOB kjarifiki dwar il-valur miżjud ta' tali pjanijiet u JFAKKAR fil-ħtieġa li ngħarfu l-kosteffettività u li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv addizzjonali, il-programmi jew l-istrateġiji nazzjonali komprensivi diġà eżistenti għall-foresti, żviluppati skont impenji maqbula internazzjonalment, bħall-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Foresti u r-Riżoluzzjoni ta' Vjenna FOREST EUROPE¹⁰, u l-kompetenzi tal-Istati Membri relatati tagħhom.
16. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' bażi ta' data u ta' informazzjoni soda u trasparenti dwar il-foresti bħala bażi għat-tfassil tal-politika. IFAKKAR li l-ġbir, l-ipproċessar, ir-rappurtar u l-interpretazzjoni tad-data għandhom jagħmlu l-aħjar użu u l-aktar użu effettiv tal-inventarji nazzjonali eżistenti tal-foresti u l-kooperazzjoni internazzjonali relatata taħt, fost l-oħrajn, in-network ENFIN. JAPPELLA lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-esperti biex tanalizza d-diskrepanzi li jeżistu bħalissa u n-nuqqasijiet possibbli fil-ġbir tad-data dwar il-foresti.

¹⁰ https://www.foresteurope.org/docs/MC/MC_helsinki_resolutionH1.pdf

17. HUWA KONVINT li għandu jittieħed vantaġġ sħiħ mid-definizzjonijiet u l-indikaturi eżistenti żviluppati fi proċessi internazzjonali u reġjonali bħal FOREST EUROPE, li għandhom jintużaw bis-sħiħ għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-kondizzjonijiet tal-foresti fl-UE. JISTIENEN lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u bl-appoġġ tan-networks ta' riċerka fis-sħubija Ewropea tax-xjenza tal-foresti, biex twettaq valutazzjoni u tiddeċiedi flimkien dwar jekk humiex meħtieġa indikaturi, limiti jew meded ġodda fil-livell tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u dwar x'ikun il-valur miżjud tagħhom. Barra minn hekk, meta jitqiesu d-differenzi fil-foresti bejn il-pajjiżi, dawn il-limiti jew meded iridu jiġu deċiżi u stabbiliti fil-livell nazzjonali jew fil-livell subnazzjonali.
18. JILQA' l-attenzjoni tal-Istrateġija għall-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-foresti. JAGĦRAF l-impatti negattivi ta' diżastri naturali fuq il-foresti u r-riskji li jgħolqu u fatturi oħra inkwetanti li x'aktarx jiġu aggravati mit-tibdil fil-klima. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex issaħħaħ il-ħidma fuq il-ġestjoni tar-riskju relatata ma' diżastri naturali u fatturi li jħarbtu l-foresti, speċjalment in-nirien fil-foresti, u fuq l-adattament għat-tibdil fil-klima sabiex jiġi żviluppat approċċ strutturat u integrat, billi titqies il-kooperazzjoni effettiva u pjattaformi għall-qsim tal-esperjenzi mal-amministrazzjonijiet u partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri u billi titqies il-ħidma kontinwa ta' FOREST EUROPE għal mekkaniżmu ta' għarfien tar-riskju tal-foresti.
19. JISSOTTOLINJA li r-riċerka u l-innovazzjoni huma muturi importanti fil-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija. JAPPELLA għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha fl-ippjanar u l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tingħata spinta, fost l-oħrajn, lill-użu ta' injam prodott b'mod sostenibbli u prodotti oħra tal-foresti fil-bijoekonomija ċirkolari, kif ukoll il-kontribut tal-foresti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għalih u l-oġettivi tal-bijodiversità. JILQA' l-ħolqien tas-sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-forestrija, filwaqt li jiġi żgurat li l-ħidma tas-sħubijiet titwettaq b'koerenza mal-ħidma kollaborattiva ta' organizzazzjonijiet internazzjonali eżistenti.

20. JAQBEL mal-ħtieġa għal approċċ inklużiv u koordinazzjoni tajba bejn il-korpi rilevanti tal-UE għall-foresti. JIRRAKKOMANDA li l-Kumitat Forestrarju Permanenti (KFP) eżistenti kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-29 ta' Mejju 1989 li tistabbilixxi l-Kumitat Forestrarju Permanenti (89/367/KEE) għadu l-forum ewlieni għar-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, biex jiddiskutu u jagħtu parir dwar suġġetti relatati mal-foresti fil-livell tal-UE u biex isaħħu r-rwol tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti.
21. JINKORAĠĠIXXI l-involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-sidien u l-maniġers tal-foresti, fil-konsultazzjonijiet li jħejju l-implimentazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija nnifisha. JAPPELLA għal djalogu kostruttiv u ħidma kollaborattiva bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti u s-soċjeta' ċivili.
22. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Kumitat Forestrarju Permanenti tiżviluppa Pjan ta' Ħidma Annwali bi flussi ta' ħidma konkreti, inkluż ir-reżiljenza tal-foresti u l-effetti tat-tibdil fil-klima, il-bijoeconomija ċirkolari u l-bijodiversità tal-foresti u s-servizzi tal-ekosistema, filwaqt li tiżgura wkoll kontributi minn gruppi oħra tal-Kummissjoni relatati mal-foresti.
23. JINSISTI li l-valur miżjud għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni volontarji diġà eżistenti għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għandu jkun prekondizzjoni għal kull kunsiderazzjoni ta' introduzzjoni ta' skemi ġodda ta' ċertifikazzjoni. JENFASIZZA l-importanza li tiġi ċċarata l-ħtieġa għal skemi ġodda ta' ċertifikazzjoni tal-UE "eqreb tan-natura" u l-valur miżjud dimostrarbblu tagħhom. JISSOTTOLINJA li dan jista' joħloq piż u spejjeż amministrattivi addizzjonali, konfużjoni potenzjali għall-konsumaturi u jirkeb skemi eżistenti ta' ċertifikazzjonijiet tal-foresti.

24. ITENNI l-ħtieġa li tiżdied l-azzjoni tal-UE għall-ħarsien u r-restawr tal-foresti tad-dinja, u l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' regolamentazzjoni eżistenti rilevanti tal-UE u JISTENNA BIL-ĦERQA li jirċievi l-kontroll tal-idoneità tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam u r-Regolament FLEGT, u l-proposta leġiżlattiva prevista tal-Kummissjoni kif ukoll miżuri mhux leġiżlattivi dwar il-minimizzazzjoni tar-riskju tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti mqieġha fis-suq tal-UE.
25. JISĦAQ li bl-implimentazzjoni b'suċċess ta' Strateġija komprensiva tal-UE għall-Foresti li tippromwovi l-multifunzjonalità tal-foresti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-Għanijiet Globali għall-Foresti u l-SDGs multipli, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jkomplu jaqdu rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u t-twaqqif tad-deforestazzjoni fil-livell globali f'diversi fora internazzjonali, bħall-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-COFO tal-FAO, kif ukoll f'organizzazzjonijiet u proċessi reġjonali bħal FOREST EUROPE, UNECE u l-Kummissjoni tal-Foresti Ewropej tal-FAO. JIDDISPJAĊIĦ li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti tħalli barra din id-dimensjoni internazzjonali.
26. JINNOTA li l-Istrateġija mhijiex ċara dwar l-impatt tagħha fuq il-foresti barra mill-UE, kif ukoll dwar kif jiġi evitat li l-miżuri ta' protezzjoni proposti għall-foresti fl-UE jistgħu jirriżultaw f'impronta oġhla u impatti negattivi possibbli fuq il-foresti barra mill-UE, speċjalment fuq il-foresti primarji, minħabba importazzjonijiet akbar ta' injam ippreparat jew injam. Għalhekk JITLOB lill-Kummissjoni tqis din id-dimensjoni fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-miżuri proposti u tipproponi miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni, kif xieraq.
27. JINKORAĠĠIXXI l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali fl-implimentazzjoni u fit-twettiq tal-oġġettivi tal-Istrateġija. JENFASIZZA, b'rabta mar-rwol tal-popli indiġeni, l-importanza tal-UNDRIP.

28. JISTIENEN lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 u dwar ir-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dawn il-Konklużjonijiet, u tippreżenta, fl-2025, is-sejbiet tar-rieżami dwar il-progress li sar u tinvolvi lill-Kunsill jekk tkun meħtieġa aktar azzjoni.
29. JENFASIZZA li l-afforestazzjoni hija miżura kontinwa u ta' suċċess f'diversi Stati Membri, appoġġata wkoll mill-Politika Agrikola Komuni tal-UE. JILQA' l-Pjan Direzzjonali għat-tħawwil ta' tliet biljun siġra addizzjonali fl-UE sal-2030. JISĦAQ li l-wegħdiet għal tali tħawwil addizzjonali tas-siġar huma volontarji u li hemm sfidi sinifikanti ta' disponibbiltà tal-art fl-Istati Membri, u li l-proċeduri legali tal-Istati Membri għall-approvazzjoni ta' miżuri ta' afforestazzjoni huma applikabbli u f'dan ir-rigward JILQA' l-komponent ta' monitoraġġ tal-pjan direzzjonali.
30. JENFASIZZA r-rwol essenzjali tal-foresti għas-saħħa u l-ġid tal-bniedem, u l-ħtieġa li jiġi promoss l-approċċ "Saħħa Waħda" li jagħraf ir-rabta intrinsika bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u n-natura b'saħħitha u JITLOB li jiġi eżaminat aktar fil-fond ir-rwol tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-Approċċ Saħħa Waħda u jtejjeb il-kontribut tal-foresti, iż-żoni tan-natura u l-parks pubbliċi għall-ġid tan-nies peress li l-pandemija tal-COVID 19 uriet ukoll il-ħtieġa li tittejjeb l-ekoloġizzazzjoni taż-żoni urbanizzati.